MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 827/2009

**Auto Sales Limited (C491)**

**vs**

**Alexander Ellul Sullivan ID Card No. 425365 (M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Auto Sales Limited datat 25 ta’ Awwissu 2009 a fol 1 tal-process fejn tikkonferma: -

Illi b’ kuntratt datata 25 ta’ Mejju 2008 (Dok “A”) il-konvenut xtara permezz ta’ kuntratt ta’ *hire purchase* il-vettura Renault Megane 2 A1.5D 4 E/2 Chassis no. VF1LMSFB539230324.

Illi skont l-istess kuntratt il-konvenut kellu jhallas l-ammont hemm miftihem f’rati mensili.

Illi l-konvenut ghalkemm debitament interpellat naqas milli jhallsu l-ammont dovut ghal diversi xhur.

Illi skont l-istess kuntratt jekk il-konvenut jonqos milli jhallas ghal xahrejn s-socjeta` attrici ghandha dritt li titlob l-ammont kollu dovut f'dak iz-zmien.

Illi ghalhekk fid-19 ta' Awwissu 2009 l-ammont dovut mill-konvenut huwa €15,498.54 (Dok "B").

Ghaldaqstant titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' €15,498.54 rappresentanti bilanc dovut skont ftehim Dok "A".

2. Tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' €15,498.54 rapprezentanti bilanc dovut skont ftehim Dok "A".

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-pagament finali.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tar-rikorrenti.

Rat illi r-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-intimat Alexander Ellul Sullivan li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci.

Rat l-affidavit ta' Mario Xuereb datat 23 ta' Settembru 2010.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti.

Rat in-nota ta' riduzzjoni datata 28 ta' Ottubru 2010 fejn *stante* pagament fil-mori tal-kawza l-ammont tas-sorte gie ridott ghal €12,214.78 bl-imghax legali mis-17 ta' Settembru 2009 sal-effettiv pagament.

Semghet l-Avukat tar-rikorrenti.

Ezaminat l-atti tar-rikors.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw pruvati.

Fil-kontumacja tal-intimat tiddeciedi billi tilqa' it-talbiet attrici kif ridotti fl-ammont ta' €12,214.78 bl-imghax legali mis-17 ta' Settembru 2009 sal-effettiv pagament,

Bl-ispejjez kontra l-intimat Alexander Ellul Sullivan.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------